TAJJEB LI TKUN TAF
Tagħrif maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni

MEJJU, 1961. Nru. 12/61

# L-IMPRIŻA GĦALL-BEJGĦ TAL-ĦALIB

L-EWWEL darba li bdew jistudjaw il-possibiltà tal-pastorizzazzjoni tal-ħalib tal-mogħoż hawn Malta kien fl-1932 meta twaqqfet kummissjoni biex tiddiskuti dan il-proġett. Fl-1934 reġgħet twaqqfet kummissjoni oħra biex jaraw kif ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-ewwel kumitat setgħu jitwettqu.

Sewwa sew fil-post fejn qabel kien l-istazzjon tal-ferrovija, il-Ħamrun, inbnew l-*Administration* u d-*Dairy Blocks* tal-fabbrika, li nfetħet nhar il-11 ta' Mejju, 1938, mill-Gvernatur Sir Charles Bonham Carter u tbierket mill-Arċidjaknu Mons. G. Apap Bologna. Il-bejgħ tal-ħalib pastorizzat lill-pubbliku beda t-Tnejn, 16 ta' Mejju, fil-Belt, il-Furjana, Tas-Sliema u l-Ħamrun.

Matul l-aħħar gwerra meta l-mogħoż sparixxew għal kollox il-pastorizzazzjoni kellha tieqaf. Wara l-gwerra fl-1949 Malta bagħtet ir-rapport tagħha lill-U.N.I.C.E.F. (għaqda mwaqqfa apposta biex tħares il-ħarsien tat-tfal tad-dinja kollha). Din il-għaqda irregalat lill-Maltin makkinarju ta' 155,000 dollaru li twaqqaf u beda jaħdem nhar il-21 ta' Marzu, 1951. Fil-waqt li r-rappreżentant tal-U.N.I.C.E.F. kien Malta huwa faħħar il-kwalità tal-ħalib tagħha bħala wisq aħjar minn ta' bosta artijiet Ewropej u li jikkompeti ma' dak ta' l-Ingilterra u l-Amerika.

Fl-1958 infetħet fabbrika oħra ta' l-Impriża għall-Bejgħ tal-Ħalib f'Għawdex. Din għandha impjant modern u l-ħalib li jinġabar Għawdex jiġi ippastorizzat fil-fabbrika qabel jintbagħat Malta.

Meta nfetħet il-fabbrika fl-1938 kien hemm jaħdmu madwar 80 ruħ biss. Il-lum impjegati fil-fabbriki ta' Malta u Għawdex hawn fuq l-400 ruħ imqassmin fl-*Administration, Collection, Laboratory, Dairy Distribution, Transport* u *Maintenance Sections.*

Il-ħalib jinġabar mingħand ir-raħħala darbtejn kuljum darba fil-għodu u darba fil-għaxija f'*depots* tad-Dipartiment. L-1,200 raħħal li hawn reġistrati mad-Dipartiment għandhom bejniethom 'il fuq minn 5,000 baqra u 25,000 mogħża u flimkien kull ħmistax jipproduċu bejn wieħed u ieħor 170,000 gallun ħalib, jitħallsu għalih b'*cheque;* is-somma li tħallset lir-raħħala matul is-sena 1960 laħqet sewwa 'l fuq minn miljun lira.

Malli l-ħalib jittieħed il-fabbrika jiġi pastorizzat. Qabel igħaddi għal pastorizzazzjoni jsir eżami biex jiġi assigurat li l-ħalib miġbur mingħand ir-raħħala ma jkollux xi taħlit ta' ilma jew affarijiet oħra. Dan l-eżami tant hu strett li l-analitiku jsir jaf anki



jekk il-ħalib ikun miżjud b'wieħed fil-mija. Isiru eżamijiet oħra biex jekk il-ħalib ma jkunx fih il-kwantità meħtieġa ta' grass u proteini jiġi irrifjutat. Qabel igħaddi għand il-pubbliku l-ħalib isirlu eżami ieħor biex jiġi żgurat jekk ġiex pastorizzat tajjeb. L-Uffiċċju tas-Sanità wkoll jeżaminaw il-ħalib fil-Laboratorju tagħhom. B'daqshekk il-poplu jista' jserraħ moħħu li dak li qed jixrob hu ħalib ġenwin meħlus minn kull xorta ta' mikrobi u li żgur jagħti s-saħħa.

Barra l-bejgħ tal-ħalib pastorizzat isiru wkoll prodotti mill-ħalib li jibqa' żejjed. Fost dawn il-prodotti ġenwini nsibu butir, ġobon *creamery,* tal-bżar u tal-ħakk, ġbejniet (friski u niexfin) irkotta, krema, baqta u *milk shakes* ta' togħmiet diversi. Il-butir u l-ġobon jinħadmu fil-fabbrika ta' Għawdex b'apparat l-aktar modern.

F'dawn iż-żminijiet il-poplu ta' dawn il-gżejjer qed jixrob ħalib pastorizzat ħafna aktar minn meta nfetħet il-fabbrika. Din hi ħaġa sewwa għax il-ħalib hu l-aktar ikel perfett, fih insibu bosta sustanzi u għandu aktar sustanzi minn ikel ieħor li mhux likwidu. Bis-sustanzi, proteini u vitamini li fih il-ħalib jagħmluh minn ta' quddiem fost il-prodotti kollha li jqawwu l-bniedem. Hu fatt li f'dawn il-pajjiżi li jkun jinxtorob ħafna ħalib in-nies huma itwal, igħixu aktar u l-mewt ta' trabi huwa anqas. Il-Professur Henry C. Sherman fil-ktieb tiegħu "Food and Health" igħid "osservazzjonijiet u esperimenti juru li l-ħalib fih proteini li huma ferm neċessarji biex wieħed igħix u jikber ........."

Id-Dipartiment jagħmel l-akbar attenzjoni fil-ħasil tal-fliexken. Dawn jitpoġġew ġo makna moderna u wara li jinħaslu separatament f'soluzzjoni ta' soder speċjali għal ma-

dwar 8 minuti jibqgħu jduru biex jinħaslu bil-misħun b'temperaturi differenti. Il-flixkun wara li joħroġ sterilizzat minn din il-makna ma jintmissx bl-idejn sakemm jiġi mimli u issiġillat. Però l-pubbliku hu mitlub li qabel ma jirritorna l-fliexken vojta ilaħlaħhom bl-ilma. Il-fliexken ma għandhomx jintużaw ħlief biex iżommu l-ħalib.

Mhux biżżejjed li d-Dipartiment jieħu l-kura meħtieġa tal-ħalib sa ma jwasslu għand il-konsumatur. Id-dar irridu nieħdu ħsiebu wkoll. Għal min ma għandux *fridge* biex jitfa' l-ħalib fiha malli jixtrih, dan għandu jżomm il-flixkun f'post għall-frisk, l-aħjar jekk tħallih f'kurrent ta' arja friska. Xi biċċa ċarruta mxarrba u mgeżwra mal-flixkun iżżomm il-ħalib kiesaħ u frisk għal aktar ħin. Qatt il-ħalib ma għandu jitħalla fix-xemx għaliex mhux biss jista' jiqras imma anki tneħħilu ħafna mill-vitamini tiegħu.

Huwa ta' min iżur il-fabbrika waqt il-*"Milk Week"* sabiex jara, hu stess, pass pass, kif il-ħalib jasal għandu fil-flixkun mill-fabbrika.

**O.H.M.S.**

D. of I.

Mr. L. Cassar
22, Magazine St.,
Mdina.